MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 219/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**H.H**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **H.H.** talli nhar il-15 ta' Settembru, 2004, ghalkemm kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali, b'digriet moghti minnha nhar it-13 ta' Lulju 2004 biex taghti access lil zewgha **C.D.** ghal binhom minuri **E.F.** u li qieghed taht il-kustodja taghha, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija **H.H.** hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra

taghha u kkundannatha ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' **H.H.**, minnha prezentat fl-20 ta' Ottubru 2004, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2005; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2005 l-appellanti, permezz tad-difensur taghha, irtirat l-ewwel aggravju migjub fir-rikors ta' appell li kien jirrigwarda l-allegata nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti. Jibqa' x'jigu kkunsidrati, ghalhekk, biss l-aggravji fil-meritu.

Bazikament l-aggravji ta' l-appellanti huma fis-sens li hija ghamlet minn kollox biex fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni hija tibghat lit-tifel ma' missieru, izda dan it-tifel irrifjuta, bhalma ghamel f'okkazzjonijiet ohra, li jmur. Skond l-appellanti "…il-minuri kull darba li jigi biex imur mal-missier jaghmel xenata u vjolentement jirrifjuta li jmur".

Din il-Qorti kellha l-vantagg f'dan il-kaz li terga' tisma' x-xhieda kollha (ad eccezzjoni tal-minuri **E.F.**, li din il-Qorti ghazlet li ma tisimsghux principalment minhabba l-eta` tieghu ta' ghaxar snin) li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti. Il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz hi jekk l-appellanti -- li kienet obbligata b'ordni tal-Qorti kompetenti li taghti access ghal binha lil zewgha kulljum bejn il-hamsa u s-sebgha ta' filghaxija[1] -- ghamlitx dak kollu li kien minnha mistenni biex tobdi l-ordni ta' dik il-Qorti, kif hija tikkontendi li ghamlet; jew jekk din effettivament naqsitx, minghajr raguni valida[2], li tobdi dak l-ordni kif qed tallega l-prosekuzzjoni.

---

[1] Ara kopja tad-digriet a fol. 3 ta' l-atti.

[2] Artikolu 338(ll) tal-Kap 9: *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min…meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma hemmx dubbju li bejn l-appellanti u zewgha hemm problemi kbar ta’ komunikazzjoni, li probabbilment qed jigu aktar ikkumplikati bl-intervent tal-avukati taz-zewg nahat. Ghalkemm l-appellanti u zewgha ghadhom jghixu fl-istess dar, din inqasmet, u parti tghix fuq u ohra taht, b’zewg bibien (ghal kull parti tad-dar) li jaghtu ghal fuq it-triq. Jidher li z-zewg bibien huma ftit piedi biss ‘l boghod minn xulxin. Skond l-appellanti hija dejjem -- inkluz fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni – kienet “tibghat” lit-tifel ghand missieru u anke tissollecitah biex imur, izda dan kien dejjem jirrifjuta li jmur u jibda jibki u jissuppervja u jitmieghek ma’ l-art b’mod li hija kienet tkun kostretta li terga’ ddahhlu gewwa.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel qorti meta din accennat, ankorke` forsi indirettament, ghall-fatt li hija skuza pjuttost fjakka dik li genitur jaghti meta jghid li l-minuri “ma riedx” imur ghand il-genitur l-iehor – specjalment meta si tratta ta’ tfal ta’ l-eta`, bhalma kien **E.F.**, ta’ ghaxar snin jew f’dawk l-akkwati. Kieku l-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali kellhom jaccettaw din l-iskuza bhala “raguni xierqa” ghall-finijiet tal-paragrafu (ll) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, ikun qed jinfetah il-bieb ghal kull forma ta’ stratagemma ta’ parti, anke probabbilment bil-kolluzjoni innocenti tal-minuri, biex jigu frastornati l-ordnijiet tal-Qorti kompetenti b’dispett lejn il-parti l-ohra. Jekk verament minuri ma jkunx irid imur ghand genitur minnhom, u jekk il-genitur li jkollu l-kustodja jkun tal-fehma li r-rifjut tal-minuri jkun b’xi mod gustifikat, il-kwistjoni ghandha tingieb minnufih quddiem il-qorti civili kompetenti biex din tezamina r-raguni ghal tali rifjut u, jekk ikun il-kaz, taghti l-provvedimenti opportuni. Pero` sakemm hemm fis-sehh dak l-ordni ghall-access, dak l-ordni ghandu jigi obdut u osservat, u l-genitur li jkollu l-kustodja tal-minuri ghandu jaghmel dak kollu possibbli u ragjonevoli biex l-ordni jigi osservat.

Issa ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina l-minuri verament kien jaghmel xenata biex ma jmurx ma’ missieru ghall-finijiet tad-digriet aktar ‘l fuq imsemmi – dan jirrizulta abbondantement car kemm mid-deposizzjoni tas-Surgent 1346 Anton Schembri kif ukoll mid-deposizzjoni (li l-ewwel qorti ma tantx jidher li tatha importanza) tas-*social worker*

Peter Paul Portelli. Mill-banda l-ohra din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellanti ghamlet dak kollu li setghet ragjonevolment taghmel biex zewgha jkollu l-access ordnat mill-Qorti. Din il-Qorti hi sodisfatta li bi ftit aktar pressjoni gentili fuq it-tifel u bil-kelma t-tajba hija setghet tasal biex tassigura li zewgha jkollu l-access hekk ordnat, access li wara kollox ma kienx semplicement intiz fl-interess tal-missier izda wkoll, u aktar, fl-interess tal-istess tifel li ta' dik l-eta` ghandu jkollu relazzjoni tajba maz-zewg genituri, anke jekk huma t-tnejn, sfortunatament, m'ghandhomx ma' xulxin.

Din il-Qorti, pero`, ma setghetx ma tinnotax ukoll il-karattru difficli tal-missier – is-*social worker* fuq imsemmi ddeskrivih bhala "arroganti" – u l-fatt li dan donnu kien kuntent jara lil martu tiffaccja din il-problema tat-tifel minghajr ma jipprova mqar jerfa' sebghu z-zghir biex jghin halli **E.F.** jaqsam il-ftit piedi minn bieb ghal iehor. Jidher in fatti li matul kwazi tlett xhur precedenti d-data imsemmija fl-imputazzjoni **C.D.** kien semplicement jibqa' fil-bieb tal-parti tieghu tad-dar u jistenna li ibnu jmur ghandu meta kien evidenti li t-tifel ma riedx imur ghand missieru wahdu; u kull darba huwa, cioe` l-missier, semplicement kien jillimita ruhhu li jinzel l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport – bhallikeiku bir-rapporti kollha seta' jistabilixxi xi relazzjoni ma' ibnu!

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li, ghalkem teknikament kien hemm il-kontravvenzjoni tal-ligi da parti ta' l-appellanti **H.H.** – u dan ghar-raguni aktar 'l fuq imfissra – dawn l-istess cirkustanzi partikolari jimmilitaw kontra l-ghoti ta' piena, u konsegwentement din il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza bil-mod infraskritt, u dan anke fid-dawl tal-fatt li mill-provi jirrizulta li wara d-data mertu ta' l-imputazzjoni missier il-minuri qed ikollu access (ghalkemm ridott konsiderevolment) ghat-tifel imsemmi taht supervizjoni ta' terzi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta,

thassarha u tirrevokha kwantu ghall-piena inflitta (cioe` kwantu ghall-ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira) u minflok, wara li rat l-Artikolu 22(1) tal-Att dwar il-Probation, Kap. 446, tillibera lill-istess **H.H.** minghajr kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------